KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 40**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2021, fl-16:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 40.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

40.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 40.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

40.2.1 Minuti laqgħa 38

40.2.1.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex il-minuta numru 38.5.9 tiġi kkoreġuta sabiex tissemma is-Sa Josette Buttigieg u l-familja Rapa. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.2.1.2 Wara din il-korrezzjoni, l-Kunsill approva l-minuti ta' laqgħa numru 38.

40.2.2 Minuti laqgha 39

40.2.2.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex f'minuta numru 39.8.8 tiżdied il-frażi "l-kunsill ma giex infurmat".



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

40.2.2.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex f'minuta numru 39.4.17 tirreferi għal dawl u ilma (mhux dawl biss).

40.2.2.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex f'minuta numru 39.4.24 jissemma li r-rapport irrikmanda bexx u zbir.

40.2.2.4 Il-Kunsill qabel ma dawn il-bidliet u approva l-minuti ta' laqgħa numru 39.

## 40.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

40.3.1 Is-Sindku informa ill-Kunsill li ntalab update lill-għaqda tal-briju dwar ix-xogħol fuq il-bandiera li hemm ippjanata għal Ġnien il-Familja, peress li għadda ftit taż-żmien minn meta ġiet ordnata. Ġie mgħarraf li l-bandiera qiegħda tinħadem. Ingħata deadline sa meta din il-bandiera trid titlesta.

40.3.2 Is-Sindku qal li qed naħdmu biex isir kors tal-first aid biex isir ġewwa l-Qala. S'issa ġie offert lilu kors li hu twil numru ta' ġimgħat. Peress li hemm biża' li nies jistgħu jiddejqu minn korsijiet fit-tul qed jiġu imfittxa korsijiet iqsar.

40.3.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-pussess tal-Arċipriet ser iseħħ nhar id-19 ta' Diċembru. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser tkun qiegħda tieħu ħsieb ir-rigali għall-Arċipriet u Fr Michael. Ġie maqbul li ma tinqabiżx is-somma ta' EUR300 għal dawn ir-rigali.

40.3.4 Is-Sindku informa li mar Ta' Dbieġi biex jara *wall mural* li qed jinħadem mis-Sa Lisa Formosa, l-istess persuna li tqabbdet tagħmel xogħol simili fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sinku qal li skond hu, ix-xogħol Ta' Dbieġi veru ġej sabiħ.

40.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li minn Ottubru jista' jsir iż-żbir tal-ħarrub. Il-Kunsill applikajna biex jiżabru l-ħarruba li hemm ta' Ġaġġa u oħra li hemm fi Triq iż-Żewwieqa għax qiegħdin jisbqu fit-triq u jkunu ta' periklu għat-traffiku.

40.3.6 Is-Sindku għarraf li ressaq rikors fil-Planning Authority dwar id-dewmien biex jiġi skedat is-seduta li jmiss għall-kaz ta' Ħondoq. Għanda tinħareġ ukoll stqarija dwar dan.

40.3.7 Is-Sindku informa ill-Kunsill li nxtara l-*compactor* u li l-*patching* reġa beda jsir. Il-kwalita' tal-*patching* issa huwa aħjar. Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex isir *patching* fi Pjazza Repubblika. Is-Sindku wieġbu li din aaret, li llum biss ġew użati 10 xkejjer. S'issa intużaw 22 xkora u li l-fornitur ma baqalux xkejjer tal-*cold mix*.

40.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-preżemza tal-*white fly* fis-siġar tal-pjazza. Hu qal li din il-problema ilha għal dawn l-aħħar sentejn, u li s-soluzzjoni hi li jinżabru s-siġar u jiġi applikat il-bexx. Hu talab assigurazzjoni mill-*Plant Health Directorate* li dan il-bexx ma



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jagħmilx ħsara lill-għasafar. Sa issa din l-assigurazzjoni għada ma waslitx. Is-Sindku qara parir mingħand is-Sur Dione Caruana, li qal liquid soap ma jagħmilx ġid lis-siġar. Intlaħaq qbil li ssir korrispondenza bejn il-Kunsill, u Rural Gozo biex jagħtuna parir bil-miktub dwar dan. Bħalissa qed isir iż-żbir tas-siġar minn ħaddiem wieħed, u dan minħaba raġunijiet ta' *health and safety*.

40.3.9 Is-Sindku irrapporta li l-basktijiet taċ-ċarruta li għalihom il-Kunsill kien approva l-kwotazzjonijiet issa ġew ordnati.

40.3.10 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li sar *dog bin* ġdid fi Ġnien il-Familja.

40.3.11 Is-Sindku talab lill-Perit biex jara jistax isir xi ħaġa għall-funtana ta' Quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Talab ukoll lill-ELC biex iduru ftit is-siġar u l-fjuri li hemm fil-ġnien ta' din l-istess funtana.

40.3.12 Is-Sindku semma l-mera li hemm fejn il-monument ta' Patri Ġużepp Portelli. Intlaħaq qbil li titwaħħal mera ġdida, permezz ta' żewġ brackets mal-ħajt.

40.3.13 Is-Sindku informa li tqabbad xi ħadd biex idur il-ħadid li saritlu ħsara fir-*roundabout* ta' Triq Wied Simar.

40.3.14 Is-Sindku tkellem dwar l-għalf tal-qtates fiz-zona tal-Belvedere. Hu importanti li l-għalf isir bil-qjies għax imkella dan jiġbed numru ta' *pests* li jistgħu joħolqu inkonvenjent lir-residenti.

40.3.15 Is-Sindku rrapporta li kien hemm sajjetta li ħarqet 4 bozoz fi triq il-Wileġ. Ġew iċċekjati l-prezzijiet mingħand 3 min-nies, u ħareġ li dawn il-bozoz jiswew €300 il-waħda. Il-Kunsill qabel li dawn il-bozoz għandom jiġu ordnati.

40.3.16 Is-Sindku ħabbar li ġie organizzat seminar ta' nofs ta' nhar għal *beginners* dwar bini ta' presepji. Dan is-seminar ser isir nhar l-14 ta' Novembru bejn id-9am u nofsinhar.

40.3.17 Is-Sindku semma li qed isiru ilmenti dwar żibel mitfugħ kmieni wisq, jew imkella li jinħareġ mhux fil-ġurnata tiegħu. Talab lill-Kunsilliera biex jekk jisimgħu b'xi każ jiktbu fil-*group chat* tal-*whatsapp*.

40.3.18 Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva *email* mill-Ministeru għal Għawdex biex jaraw hemmx pjanijiet mill-Kunsill li ssir Triq Papa Piju XII. Is-Sindku qal li bħala kunsill ma għandniex fondi biex nagħmlu din it-triq.

40.3.19 Is-Sindku informa li l-Arċipriet jaqbel li ċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ il-Qala ssir fil-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni nhar it-3 ta' Diċembru l-Kunċizzjoni. Segwiet diskussjoni dwar il-preparamenti għal din l-attivita'.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 40.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

40.4.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li qed jiġi ppjanat li jsir l-Oratorju ta' San Ġużepp, fil-Knisja Arċipretali, nhar is-7 ta' Diċembru. Din l-attività ser tkun iffininanzjata mill-Ministeru għal Għawdex. Ser titqabbad l-Orkestra Nazzjonali u titmexxa mis-Surmast Colin Attard. Talab biex jara l-Kunsill huwiex dispost jagħti *sponsorship* għal din l-attività. Il-Kunsill qabel unanimament.

40.4.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li qed jiġi ppjanat *Christmas Village* fi żmien il-Milied Christmas Village fi Ġnien il-Familja. Dan ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Talab biex jara l-Kunsill huwiex dispost jagħti *sponsorship* għal din l-attività. Il-Kunsill qabel unanimament. Issemma dawl maħruq fi Ġnien il-Familja. Is-Sindku qal li ser ikun qed jerġa' jiċċekja.

40.4.3 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li bħalissa l-konsum tal-ilma ta' Ġnien il-Familja qed jintuża kollu għad-dog park u għalhekk ser ikun qed jagħmel tajjeb għalih id-direttorat Eko Għawdex. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikteb lid-Direttur (Eko Għawdex) biex dan il-ftiehim ikun formalizzat bil-miktub. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona biex, 'il quddiem, isir *sub meter* għal meta l-*club* tal-Qala Saints jibdew jużaw l-ilma. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.4.4 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li ż-żewġ gazebos li hemm fuq quddiem fi Ġnien il-Familja qed jigu rrestawrati u ser jiġu installati meta x-xogħol ikun lest.

40.4.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa ikunx il-każ li jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Ġnien il-Familja. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.4.6 Is-Sindku staqsa huwiex possibbli li jingħata aċċess dirett mit-triq għad-dog park permezz ta' rampa ġdida.

40.4.7 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa meta ser isir il-ħlas lill-ELC fir-rigward ta' xogħol fuq il-proġett tal-*Urban Greening*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-pagament dovut lill-ELC kien inkluz fl-iskeda tal-pagamenti ta' dan ix-xahar.

40.4.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar l-istat ħażin li jinsab fiħ il-bank li hemm fi Triq Belvedere. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv, u li dan il-bank ser jinqala'.

40.4.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar l-isleeping police fi Triq iż-Żewwiea. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tinsab għand il-perit. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li din it-talba diġa' ġiet approvata minn Transport Malta, u staqsiet għaliex għadha ma nxtratx u ma twaħħlitx. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitkellem mal-Perit biex jara fejn wasalna u x'irid isir dwar dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

40.4.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta toqba li hemm fi Triq il-Wardija. Is-Sindku wieġeb li din it-toqba ġiet imsewwija fid-19 ta' Ottubru, u li fil-fatt kien hemm kemm il-toqba. Ilkoll ġew irranġati.

40.4.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li ssir ittra lil Maltapost dwar Sub Post Office fil-Qala. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed isegwi din it-talba flimkien mal-iskrivana tal-Kunsill.

40.4.12 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li fl-imgħoddi kien hemm żewġ mirja faċċata tal-Monument ta' Anton Buttigieg, u li llum ma għadhomx hemm. Talab biex jerġgħu isiru. Il-Kunsill qabel li naraw fejn kienu qiegħdin dawn il-mirja u li jitwaħħlu mill-ġdid.

40.4.13 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai u l-Kunsillier Karl Buttigieg semmew żewġ każijiet ta' trakkijiet li telgħu minn Triq il-Wileġ *wrong way*. Dawn ser ikunu qed jibgħatu email lill-iskrivana tal-Kunsill ħalli din tkun tista' tinvestiga.

40.4.14 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li nqalgħet bozza waqt il-bini fl-indirizz "Ta' Ġużeppa 6, Triq Lord Strickland". Talab biex il-Kunsill jara fejn kienet u nitolbu lil min qalagħha jagħmel tajjeb għaliha. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.4.15 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar applikazzjoni għal żvilupp li saret mill-familja Magrin. Assigura li dan il-proġett ma għandux x'jaqsam ma ta' Scicluna. Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sinjuri Vince u Josef Magrin. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ssuġġerixxa li wara l-laqgħa l-Kunsill joqgħod bilqiegħda u nitkellmu mal-familja. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.4.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet l-*isleeping police* ta' Triq iż-Żewwieqa. In-Nies qed jaħsbu li l-Kunsill mhux jagħti kashom. Is-Sindku qal li qed jeħel kollox għand il-Perit.

40.4.17 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li, konxja tan-nuqqas ta' riżorsi umani fil-Kunsill Lokali, hi taf ħaddiem li bħalissa qed jirreġistra u li jixtieq jaħdem mal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jrid isir il-process kollu tar-recruitment bħal ma jsir mal-gvern, u talab lill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak biex jitkellmu dwar dan wara l-laqgħa. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa biex il-Kuinsill jesplora li jsir *contract for service*, anke biex dan il-proċess ikun jista' jitħaffef.

40.4.18 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat li uħud mis-safety mats tal-Belvedere huma miksurin u hemm bżonn jinkitbu. Il-Kunsill qabel li naraw min fejn jinxtraw.

40.4.19 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kif bqajna fuq il-kaxxa tal-parking riservata għal GoTo, li konna qbilna f'laqgħa preċedenti li għandom jitneħħew. Is-Sindku informa li dawn għandhom jinżebgħu fil-futur qarib.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

40.4.20 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet biex tintbgħat email lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-madum tal-muzajk li ssemmew waqt il-laqgħa mal-Ministru.

40.4.21 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet li tintbgħat site plan lill-Water Services Corporation ta' Triq il-Wardija minħabba l-problema tal-isqaqien bla ilma. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jara dwar dan.

40.4.22 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet li tinħareġ talba għal stima ta' bozoz fi Triq il-Fortin ta' Sant' Anton, bejn ir-Ready Mix tan-Najsi u l-Kunċizzjoni. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li tifhem li dawn iġibu prezz għoli, imma xorta tħoss li għandna mmorru għal bozoz li jużaw enerġija solari.

40.4.23 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet għal aġġornament fuq l-i*speed limit signs*. Din it-talba tinsab f'idejn il-Perit u Transport Malta.

40.4.24 Is-Sindku semma li saritlu talba għal *sleeping police* fi Triq il-Wileg. Talab biex nippreparaw petizzjoni.

40.4.25 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat li qed jinġema' żibel fejn Familja Buttigieg (omm Fr Krystof) li mhux jinġabar. Saħqet li importanti li naħsbu għal signs.

40.4.26 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak: covers fuq it-trucks. Karl: pulizija. Val: nistgħu nibgħatulom ittra nitolbu cover. Mitluba mil-liġi din. ASE: nagħmlu link tas-CCTV mal-LESA. Kunsill jaqbel

40.4.27 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jsir *Christmas Market* fil-pjazza; f'data li ma toħloqx kunflitt mal-*Christmas Village* li se jsir fi Ġnien il-Familja. Offiret li torganizzah hi. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill ser ikun qed jitlob lil Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Kultura għal *stalls* biex jiġu armati għal din l-attività.

40.4.28 Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li ssir post fuq il-media soċjali dwar il-korsijiet li qed jiġu organizzati. Żied li jkun tajjeb ukoll li nibgħatu karta fid-djar. Is-Sindku qal li nistgħu nitkellmu mal-Arċipriet biex din tiġi inkluża karta mal-bulettin.

40.4.29 Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li nitkellmu mas-Surmast tal-iskola biex ningħataw informazzjoni dwar it-tfal li jattendu l-iskola primarja tar-raħal; u dan minħabba l-kotba li ser jingħataw bħala rigal tal-Milied. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li diġà għanda lista tat-tfal li ma jattendux l-iskola fil-Qala.

40.4.30 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li t-*traffic islands* fit-telgħa tal-MUSEUM, u triq ta' Wied Simar jixtiegħlu għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.4.31 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ippropona biex is-siġar ta' madwar il-pjazza jitbexxu bil-*liquid soap* wara li jinżabru, biex tinqered il-*white fly*. Is-Sur Frans Saliba, eks uffiċċjal



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

inkarigat mill-Razzett ta' Għawdex assigura lill-Viċi Sindku li l-bexx bil-*liuid soap* ma huwa ser jagħmel ebda ħsara la lill-għasafar, la lis-siġar, u wisq inqas lill-bniedem.

## 40.5 Aġġornament fuq il-Konferenza "*EUrope Is a State of Mind*" (EUISM) ta' Porto

40.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li inġabru tliet kwotazzjonijiet għal *Travel insurance* biex ikopru id-delegati waqt il-Konferenza ta' Porto. Bħad-darba l-oħra, ġie maqbul li din l-*insurance* tkopri kollox, anke l-eventwalita' ta' kanċellazzjonijiet jew diffikultajiet a kawza tal-imxija tal-COVID-19. Intlaħaq qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta l-irħas kwotazzjoni.

40.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill li irċieva l-*go ahead* mid-Dipartiment biex jiġi iffirmat l-addendum tal-ftiehim ma ACe20 srl. Dan l-addendum kellu jsir peress li d-dati tal-konferenzi, u magħhom il-pagamenti lill-Kumpannija ACe20 srl, kellhom jinbidlu minħabba l-imxija tal-COVID-19. Il-Kunsill approva unanimament li jsir l-ewwel pagament ta' €6,068.50 lil ACe20 srl, liema ħlas se jsir permess ta' *transfer* bankarju.

40.5.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva l-ftiehim iffirmat mill-Organizzazzjoni non-governattiva "Sojovem" tal-Portugall, liema NGO ser tkun qiegħda tospita l-Konferenza tal-Portugall. Il-Kunsill approva unanimament li jsir l-ewwel pagament ta' €9,500.00 lill-istess Sojovem, hekk kif stipulat minn dan l-istess ftiehim. Dan il-ħlas ser isir permess ta' *transfer* bankarju.

## 40.6 Esibizzjoni *on the road* organizzata mid-Direttorat tal-Kultura

40.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li tkellem mal-Arċipriet dwar din l-esibizzjoni. L-Arċipriet qabel mal-proposta tal-Kunsill li din l-esibizzjoni ssir fuq propjetà tal-Knisja hekk kif diskuss f'laqgħa numru 39.

40.6.2 Ġie maqbul li l-lista finali tal-postijiet li ser jiġu rrakkomandati għal din l-esibizzjoni lid-Direttorat tal-Kultura ikunu is-segwenti:

- ✓ Trunciera Ras il-Qala;
- ✓ Hondoq ir-Rummient;
- ✓ Ġebla l-Wieqfa;



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- ✓ Il-Belvedere;
- ✓ Knisja Arċipretali;
- ✓ Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni;
- ✓ Ġebla tal-Ħalfa;
- ✓ Ta' Bumbarin;
- ✓ Taċ-Ċawl;
- ✓ Mitħna ta' Randu;
- ✓ Il-Forn tal-Mulejja;
- ✓ Xogħol ta' Bizzilla
- ✓ Villa ta' Muxi

## 40.7 Attivitajiet għall-Milied 2022

40.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li ġiet sottomessa applikazzjoni għal fondi mad-Dipartiment għal Kunsilli Lokali biex jiġu koperti l-ispejjeż għal attivitajiet tal-Milied. Barra l-affarijiet diskussi f'laqgħa numru 39, ma din l-applikazzjoni ġew inklużi mużika fi Triq it-28 ta' April 1688, u *band* fil-pjazza għal 90 minuta fil-*weekend* ta' qabel il-Milied. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.7.2 Ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' armar ta' dawl għall-Milied. Il-Kunsilliera qablu unanimament li tintgħażel l-irħas offerta li ġiet sottomessa, jiġifieri l-istima tas-Sur Joseph Cutajar.

## 40.8 Korrispondenzi

40.8.1 Email minn Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie infurmat bil-Pontifikal li ser isir ġewwa l-Katidral nhar l-24 ta' Ottubru fit-8:00am fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant' Ursola, patruna ta' Għawdex.

40.8.2 Email mid-Direttorat tal-Kultura dwar il-Kalendarju Kulturali 2022, fejn il-Kunsill ġie mitlub jissottometti l-attivitajiet li qed jippjana għas-sena 2022. Ġie maqbul li ninfurmaw lid-Direttorat bid-dati li fihom hemm ppjanati li jsir il-Qala International Folk Festival li jmiss; cioe' bejn is-16 u t-18 ta' Settembru 2022.

40.8.3 Email mid-Direttorat tal-Kultura dwar inizjattiva biex jiġu rrestawrati it-*telephone booths* madwar Għawdex. Il-Kunsill qabel li d-Direttorat jiġi infurmat dwar it-*telephone booth* li tinsab fi Pjazza San Ġużepp.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 40.9 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

40.9.1 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jaqblu fuq data, ħalli tkun tista' tiġi bbukjata l-ikla tal-Milied. Il-Kunsill qabel li mmorru għand Ta' Tona Restaurant. Bħala data ġiet kkonfermata għas-27 ta' Diċembru fit-8:00p.m.

40.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-konsiderazzjoni tal-kunsill tmien (8) stimi għal televiżjoni sabiex jintuża fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna mmorru għall-offerta li saret minn Audiotech Ltd.

40.9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandu jiltaqa' mas-Sur Paul Debattista fil-futur qarib; wara li l-laqgħa skedata għal nofs Ottubru kellha titmexxa peress li hu (l-ASE) kien ma jiflaħx.

40.9.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 11/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 40.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

40.10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-18:35. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

**(IFFIRMAT)**

Paul Buttigieg
Sindku

**(IFFIRMAT)**

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt